Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Appell numru: 31/2014AE

**Silvana Schembri**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016.

Permezz ta' ittra datata 29 ta' April 2014, id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali gharraf lill-appellata li:

*"… minn investigazzjoni li ghamel id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali gie stabbilit li b'effett mill-31 ta' Jannar 2014 int m'intiex qed tifforma familja ghall-rasek u/jew li qed tabita fl-indirizz moghti minnek lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Ghaldaqstant, jirrizulta li inti thallast zejjed is-somma ta' €298.54 fl-Allowance tat-Tfal li rcevejt ghall-perjodu bejn l-01.02.14 u l-04.07.14. Minhabba l-istess raguni inti se tibda tircievi l-Allowance tat-Tfal bir-rata minima, sakemm inti tirregolarizza ruhek billi tinforma lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali dwar fejn u ma' min qed toqghod fil-prezent".*

L-appellata pproponiet appell quddiem l-Arbitru *a tenur* tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318).

Fid-decizjoni tal-5 ta' Novembru 2014, l-Arbitru kkonluda li:-

*"….. m'ghandux dubju li l-appellanta tghix fejn proprju hija ddikjarat mad-DSS, u cioe' fid-dar t'ommha, u lanqas minn dak li xehedet kemm hi u kif ukoll in-Nanna paterna tat-tifel minuri. Dan l-Arbitru hu tal-fehma pero' li t-tifel jorqod fid-dar tan-Nanna u mhux tal-appellanta.*

*Minkejja dan premess, pero', dan ma jfissirx li b'xi mod ghandu jaffettwa l-allowance intiz ghal dan it-tifel minuri. L-allowance huwa proprju ntiz ghall-htigijiet tat-tifel u mhux tal-appellanta.*

*Illi dan il-kaz huwa wiehed uminatarju ghall-ahhar imma li wkoll jixbah hafna kazijiet ohra li mhumiex umanitarji imma li proprju jinkawdraw fl-istess cirkostanzi. Ghas-sahha tal-argument, hafna mit-tfal minorenni li jghixu fuq din il-Gzira jqattghu granet shah man-Nanniet, jew addirittura f'childcare centres. Allur dan ghandu jfisser li dawn it-tal ghandna ncahhduhom mill-beneficcju intiz ghalihom ? Zgur li le. Il-ligi m'hijiex mahsuba li tifel jew tifla minorenni ghandhom iqattghu erbgha u*

*ghoxrin siegha kuljum ghal sebat ijiem fil-gimgha ma' min jitlob biex jinghata allowance ghalihom biex proprju jibbenifikaw minnu.*

*Ghalhekk dan l-Arbitru huwa tal-fehema li ghalkemm m'ghandux dubju li t-tifel iqatta' hafna aktar hin man-Nanna Paterna milli mal-appellanta, xorta wahda din ic-cirkostanza partikolari – anke tenut kont il-kundizzjoni tat-tifel – m'ghandhiex taffetwa bl-ebda mod l-allowance ntiza ghall-istess tifel".*

Decizjoni li hi identika ghal dik oggett tal-appell deciz illum bejn l-istess partijiet, numru 31/2014AE, **Silvana Schembri vs Direttur tas-Sigurta Socjali**. Jirrizulta li quddiem l-Arbitru l-appelli nstemghu flimkien. Il-provi li tressqu japplikaw ghal kull kaz.

Mid-decizjoni appella d-Direttur tas-Sigurta Socjali u l-aggravji huma:-

1. Irrizulta li la l-appellata u lanqas binha ma kienu qeghdin ighixu fil-fond dikjarat minnha fl-applikazzjoni.
2. Omm l-appellata xehedet li l-minuri gieli jaghmel jumejn ighix maghha.
3. Ukoll jekk jirrizulta li l-appellata qeghda tghix fil-post li ddikjarat lid-Dipartiment, m'hemmx prova li turi li binha kien qieghed ighix f'dak il-fond.

Mill-atti ma jirrizultax li l-appellata pprezentat twegiba.

Il-qorti rat l-atti.

Billi l-meritu hu l-istess il-qorti tiddikjara li l-konsiderazzjonijiet li saru fl-appell numru 31/2014AE japplikaw *mutatis mutandis* ghal dan il-kaz u ghalhekk qeghdin jigu addottati kollha. Ghar-ragunijiet li jissemmew fl-istess sentenza, din il-qorti ma tikkondividix il-konkluzjoni li wasal ghaliha l-Arbitru.

Gialadarba mill-atti ma jirrizultax li sal-lum l-appellata ghadha tat it-taghrif mitlub fl-ittra tad-29 ta' April 2014[1], din il-qorti ma tistax taghti ordni ntiza biex l-appellata ma tkomplix tigi penalizzata.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-appellant Direttur tas-Sigurta Socjali u thassar id-decizjoni tal-Arbitru tal-5 ta' Novembru 2014. Ghalhekk f'dan l-istadju ghandha tibqa' tghodd id-decizjoni tad-Direttur li l-appellata tirrifondi lura s-somma ta' mitejn u tmienja u disghajn ewro u erba' u hamsin centezmu (€298.54) u li bhala allowance ghat-tifel tinghata bir-rata minima, u dan kif giet avzata bl-ittra tad-29 ta' April 2014. Spejjez a karigu tal-appellata**.

Anthony Ellul.

[1] Mibghuta mid-Dipartiment lill-appellata.